## HODON NARCIS LILL-POETA ĠORĠ ZAMMIT

*Ġejt inżurek, Ħabib tiegħi,*
*Fl-ewwel għodwa minn ta' Frar;*
*Ġejt narak fl-Isptar San Luqa,*
*Bħala għożża ġibtlek nwar.*
*Minn kemm fjuri bawn fil-gżira*
*Jien għażiltlek in-narċis,*
*In-narċis li jħobb poeta,*
*Billi b'riħtu nġibu fis*
*Quddiem moħħna debriet ħelwa*
*Ta' żgħożitna... t-tnejn Qormin!*
*Għidli, sieħbi, għid is-sewwa,*
*Ma jfakkrikx dan in-narċis*
*F'Wied is-Sewda, f'Wied il-Qirda*
*Fil-Bonċ tagħna, f'Wied Ħanżir?*
*Ma jfakkrikx, min jaf, f'kemm ħarġa*
*Mort ma' sħabek ilu s-snin?*
*Ma jqajjimx fik ħeġġa ġdida*
*Biex l-inħawi żżur mill-ġdid?*
*Ma tnissilx dil-fwieħa bnina*
*Tama kbira fil-ġejjien*
*Illi tibqa' tgħanni dejjem*
*Tan-natura l-isbaħ ġmiel?*
*Ma tħossokx żagħżugħ bħal dari*
*Trufijiet Ħal Qormi ddur;*
*Tmur għand* Zigla *qalb il-ħdura*
*U b'*Ta' Qalleb *qalbek tfur ???*
*Tfur fil-versi, fit-tpinġija*
*Tad-debriet tagħna Qormija?*

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

*Għalbekk ġibtlek, ħabib tiegħi*
*Dan il-ħodon tan-narċis, —*
*In-narċis, xebh ta' żgħożitna, —*
*Biex fuq tiegħek narak fis!*

Sliema, 1 ta' Frar 1963 fis-6.30 a.m. ĠUŻÈ CARDONA